2025/2354

21.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2354

tal-20 ta' Novembru 2025

b'appoġġ għat-tisħiħ tal-attivitajiet tal-missjoni tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) relatati mas-Sirja u l-Ukrajna u t-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-OPCW permezz ta' immaġnijiet bis-satellita

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (l-"Istrateġija tal-UE"), li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri għall-ġlieda kontra tali proliferazzjoni. L-Istrateġija tal-UE tissottolinja r-rwol kruċjali tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (CWC) u tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-ħolqien ta' dinja ħielsa minn armi kimiċi.

(2) Fit-22 ta' Novembru 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/797/PESK ([1]). Dik l-Azzjoni Konġunta ġiet segwita, mal-iskadenza tagħha, mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/913/PESK ([2]), li sussegwentement ġiet segwita mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/185/PESK ([3]). L-Azzjoni Konġunta 2007/185/PESK ġiet segwita mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/569/PESK ([4]), 2012/166/PESK ([5]), 2013/726/PESK ([6]), (PESK) 2015/259 ([7]), (PESK)

([1]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/797/PESK tat-22 ta' Novembru 2004 dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2004/797/oj).

([2]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/913/PESK tat-12 ta' Diċembru 2005 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 331, 17.12.2005, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2005/913/oj).

([3]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/185/PESK tad-19 ta' Marzu 2007 dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 85, 27.3.2007, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2007/185/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/569/PESK tas-27 ta' Lulju 2009 dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 96, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2009/569/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/166/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 87, 24.3.2012, p. 49, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/166(1)/oj).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/726/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għal UNSCR 2118 (2013) u l-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/Dec 1, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 329, 10.12.2013, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/726/oj).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/259 tas-17 ta' Frar 2015 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 43, 18.2.2015, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/259/oj).

2015/2215 ([8]), (PESK) 2017/2302 ([9]), (PESK) 2017/2303 ([10]), (PESK) 2019/538 ([11]), (PESK) 2021/1026 ([12]) u (PESK) 2021/2073 ([13]).

(3) Permezz tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet (PESK) 2017/2303 u (PESK) 2021/2073, l-OPCW iserraħ fuq l-informazzjoni unika pprovduta mill-analiżi tal-immaġnijiet taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen) kemm għall-ippjanar tal-missjoni kif ukoll għall-analiżi tal-informazzjoni. Konsegwentement, hemm il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali tal-OPCW permezz tal-forniment kontinwu tal-prodotti u s-servizzi tas-SatCen b'appoġġ għall-missjonijiet tal-OPCW wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/2073.

(4) Fis-26 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1344 ([14]). L-attivitajiet imsemmija fid-Deċiżjoni (PESK) 2023/1344 primarjament jirrigwardaw l-appoġġ lis-Sirja mill-OPCW, inkluż għal missjonijiet mhux ta' rutina.

(5) Fil-15 ta' Lulju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1984 ([15]), li tiffoka fuq il-missjonijiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-OPCW, bħal skjeramenti, żjarat tekniċi, taħriġ u forniment ta' tagħmir lill-awtoritajiet rilevanti fis-Sirja. L-attivitajiet imsemmija fid-Deċiżjoni (PESK) 2024/1984 primarjament jirrigwardaw l-ipproċessar tad-data u t-trasferiment tal-għarfien fi ħdan l-OPCW,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-fini ta' kontribut għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, il-fiduċja u t-trasparenza, u għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva, l-Unjoni għandha tappoġġa l-attivitajiet tal-missjoni relatati mas-Sirja u l-Ukrajna biex tiżgura, permezz tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW), reazzjonijiet effettivi għar-riskji tal-proliferazzjoni u l-użu tal-armi kimiċi, filwaqt li tagħti wkoll is-setgħa lill-Istati Parti għall-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (CWC) biex jiżguraw ir-responsabbiltà f'każijiet ta' użu ta' armi kimiċi, abbażi tal-ħidma u r-rapporti tal-OPCW. Il-forniment ta' prodotti u servizzi satellitari miċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen) tfittex li ssaħħaħ il-kapaċitajiet għal dawk l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-OPCW għall-akkuratezza tas-sigurtà u tal-verifika bl-objettivi li ġejjin:

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2215 tat-30 ta' Novembru 2015 b'appoġġ għall-UNSCR 2235 (2015), li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' investigazzjoni konġunt bejn l-OPCW u n-NU sabiex jiġu identifikati l-awturi ta' attakki kimiċi fir-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 314, 1.12.2015, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/2215/oj).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2302 tat-12 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa l-attivitajiet tal-OPCW għal assistenza fl-operazzjonijiet ta' tindif ta' dak li kien is-sit ta' ħażna tal-armi kimiċi fil-Libja, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 329, 13.12.2017, p. 49, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/2302/oj).

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2303 tat-12 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva (ĠU L 329, 13.12.2017, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/2303/oj).

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/538 tal-1 ta' April 2019 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 93, 2.4.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/538/oj).

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1026 tal-21 ta' Ġunju 2021 b'appoġġ għall-Programm dwar iċ-Ċibersigurtà u r-Reżiljenza Ċibernetika u l-Assigurazzjoni tal-Informazzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 224, 24.6.2021, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1026/oj).

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2073 tal-25 ta' Novembru 2021 b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) permezz tal-immaġni bis-satellita (ĠU L 421, 26.11.2021, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/2073/oj).

([14]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1344 tas-26 ta' Ġunju 2023 b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) (ĠU L 168, 3.7.2023, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1344/oj).

([15]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1984 tal-15 ta' Lulju 2024 b'appoġġ għall-Ippjanar Tranżizzjonali Istituzzjonali għal Missjonijiet Mhux ta' Rutina u Kapaċitajiet Investigattivi tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) (ĠU L, 2024/1984, 16.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1984/oj).

(a) il-kontribut għall-eliminazzjoni vverifikata internazzjonalment sħiħa tal-programm Sirjan dwar l-armi kimiċi u l-istabbiliment tal-fatti u l-identifikazzjoni tal-awturi relatati mal-użu ta' armi kimiċi, f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-organi tat-tfassil tal-politika tal-OPCW;

(b) l-għoti ta' assistenza konsistenti mas-CWC biex l-Ukrajna tkun tista' jkollha l-kapaċitajiet tekniċi ċivili meħtieġa biex tiżgura li hija tkun tista' tirrispondi b'mod effettiv għal inċidenti li jinvolvu aġenti tal-gwerra kimika u sustanzi kimiċi industrijali tossiċi, inkluż fil-kamp tal-battalja fl-Ukrajna; u

(c) l-espansjoni tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-OPCW permezz ta' analiżi tal-immaġnijiet, b'appoġġ għall-attivitajiet b'mandat tal-OPCW, b'mod partikolari fir-rigward tas-Sirja u l-Ukrajna.

2. Deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet tal-OPCW appoġġati mill-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinsab fid-Dokument ta' Proġett.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett stipulata fid-Dokument tal-Proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandha ssir mis-Segretarjat Tekniku tal-OPCW (is-"Segretarjat Tekniku"). Huwa għandu jwettaq dak il-kompitu taħt ir-responsabbiltà u l-kontroll tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-fini, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mas-Segretarjat Tekniku.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implementazzjoni tal-azzjoni operazzjonali msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 4 447 748,18.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 2. Għal dak il-fini, hija għandha tikkonkludi l-ftehim neċessarju mas-Segretarjat Tekniku. Dak il-ftehim għandu jistipula li s-Segretarjat Tekniku għandu jiżgura l-viżibilità tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tal-kontribuzzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mis-Segretarjat Tekniku. Ir-rapporti tar-Rappreżentant Għoli għandhom jifformaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett stipulata fid-Dokument tal-Proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 24 xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, hija għandha tiskadi sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha jekk dak il-ftehim ma jkunx ġie konkluż sa dak iż-żmien.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNESS

DOKUMENT TA' PROĠETT

Azzjoni b'appoġġ għall-attivitajiet tal-missjoni tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) relatati mas-Sirja u l-Ukrajna u t-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-OPCW permezz ta' prodotti u servizzi tas-SatCen

1. **SFOND U LOĠIKA**

L-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (l-"OPCW") hija l-korp eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (is-"CWC"). Is-CWC daħlet fis-seħħ fid-29 ta' April 1997 u attwalment hemm 193 Stat Parti, li jirrifletti sħubija kważi universali.

Il-missjoni tal-OPCW hija li tikseb dinja ħielsa mill-armi kimiċi permezz tal-qerda vverifikata ta' ħażniet ta' armi kimiċi ddikjarati u l-prevenzjoni tal-emerġenza mill-ġdid tal-produzzjoni u l-użu ta' armi kimiċi. Sa mill-1997, l-OPCW ivverifikat il-qerda tal-armi kimiċi kollha maħżuna ddikjarati minn pajjiżi madwar id-dinja li jikkorrispondu għal 72 304 tunnellati metriċi.

Mill-2004 'l hawn, l-OPCW irċeviet appoġġ mill-Unjoni Ewropea (UE) b'mod konsistenti permezz tal-baġit tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK). Il-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u l-OPCW tal-20 ta' Frar 2024 kompla jsaħħaħ din is-sħubija kruċjali li kienet essenzjali għall-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-objettivi ewlenin tal-OPCW, u b'hekk qed jikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Żviluppi reċenti, bħall-waqgħa tar-reġim ta' Assad fis-Sirja u l-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna, jenfasizzaw l-importanza tal-mandati u l-missjonijiet tal-OPCW.

Fis-Sirja, is-Segretarjat ilu jopera sa minn Ottubru 2013, meta s-Sirja ssieħbet fil-Konvenzjoni, fost l-oħrajn permezz ta' missjonijiet iddedikati — it-Tim ta' Valutazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet (DAT), il-Missjoni ta' Tiftix tal-Fatti fis-Sirja (FFM), u t-Tim ta' Investigazzjoni u Identifikazzjoni (IIT) — f'konformità mal-mandati riċevuti skont il-Konvenzjoni u permezz tad-deċiżjonijiet tal-organi tat-tfassil tal-politika tal-OPCW u r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Sa mill-waqgħa tar-reġim ta' Assad fit-8 ta' Diċembru 2024 u l-preżenza ta' gvern interim lest li jimpenja ruħu fil-kwistjoni tal-armi kimiċi fis-Sirja, għall-kuntrarju tal-awtoritajiet preċedenti, hemm ħtieġa u fl-istess ħin opportunità biex finalment tiġi aċċessata l-informazzjoni kollha mhux iddikjarata mill-awtoritajiet preċedenti fir-rigward tal-programm tagħhom tal-armi kimiċi, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tas-siti relatati mal-armi kimiċi u l-kontenut tagħhom, u biex kwalunkwe element rilevanti jinqered mis-Sirja u jiġi vverifikat bħala tali mis-Segretarjat tal-OPCW. Hemm ukoll opportunità biex jitkomplew l-investigazzjonijiet relatati mal-użu ta' armi kimiċi fis-Sirja, inkluż l-identifikazzjoni tal-awturi, kif espress mill-President Interim tas-Sirja waqt il-laqgħa tiegħu f'Damasku mad-Direttur Ġenerali tal-OPCW fit-8 ta' Frar 2025.

Fl-Ukrajna, it-theddida tal-użu ta' armi kimiċi għada hemm u l-attivitajiet tal-OPCW, inkluż l-assistenza teknika kif mitluba mill-Ukrajna, huma essenzjali, mill-forniment ta' tagħmir protettiv u ta' detezzjoni u taħriġ tal-ewwel rispons, sat-twettiq ta' evalwazzjoni ta' kampjuni relatati ma' allegazzjonijiet tal-użu ta' sustanzi kimiċi tossiċi misjuba fil-kamp tal-battalja fl-Ukrajna.

L-UE ilha mill-2021 tipprovdi appoġġ siewi lill-OPCW permezz tal-forniment ta' prodotti u servizzi pprovduti mis-SatCen. Għall-effettività operazzjonali tal-OPCW, huwa importanti li l-appoġġ permezz ta' prodotti u servizzi tas-SatCen jiġi sostnut, wara li tiskadi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2073 tal-25 ta' Novembru 2021 ([1]).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2073 tal-25 ta' Novembru 2021 b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) permezz tal-immaġni bis-satellita (ĠU L 421, 26.11.2021, p. 65).

Għalhekk, din il-proposta għandha tiġi kkunsidrata flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1344 tas-26 ta' Ġunju 2023 ([2]) u l-attivitajiet taħt ir-Riżultat 3 ("Reazzjonijiet effettivi għall-allegazzjonijiet ta' użu ta' armi kimiċi"), kif ukoll mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1984 tal-15 ta' Lulju 2024 ([3]). L-attivitajiet fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1344 huma primarjament relatati mal-operazzjonijiet tal-OPCW fil-kwartieri ġenerali, filwaqt li din il-proposta tiffoka fuq l-operazzjonijiet tal-OPCW barra l-kwartieri ġenerali (skjeramenti, żjarat tekniċi, taħriġ u l-forniment ta' tagħmir lill-awtoritajiet rilevanti fis-Sirja u l-Ukrajna). L-attivitajiet fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1984 huma primarjament rigward l-ipproċessar tad-data u t-trasferiment tal-għarfien fi ħdan l-Organizzazzjoni, filwaqt li din il-proposta tiffoka fuq l-iskjerament ta' missjonijiet u l-forniment ta' tagħmir lis-Sirja u l-Ukrajna.

2. **OBJETTIV ĠENERALI**

L-objettiv ġenerali ta' din l-azzjoni huwa li tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, il-fiduċja u t-trasparenza, u għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva, billi tappoġġa l-attivitajiet tal-missjonijiet relatati mas-Sirja u l-Ukrajna biex, permezz tal-OPCW, jiġu żgurati risponsi effettivi għar-riskji tal-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi, filwaqt li l-Istati Parti jingħataw is-setgħa biex jiżguraw l-irfigħ tar-responsabbiltà f'każijiet ta' użu ta' armi kimiċi, abbażi tal-ħidma u r-rapporti tal-OPCW. Il-forniment ta' prodotti u servizzi tas-SatCen isaħħaħ il-kapaċitajiet għal dawn l-attivitajiet inkarigati lill-OPCW kif ukoll l-akkuratezza tas-sigurtà u tal-verifika.

3. **OBJETTIVI SPEĊIFIĊI**

L-objettivi speċifiċi tal-azzjoni huma:

a. il-parteċipazzjoni fl-eliminazzjoni vverifikata b'mod komplet fil-livell internazzjonali tal-programm Sirjan tal-armi kimiċi u l-istabbiliment tal-fatti u l-identifikazzjoni tal-awturi relatati mal-użu ta' armi kimiċi, f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-organi tat-tfassil tal-politika tal-OPCW;

b. l-għoti ta' assistenza konsistenti permezz tas-CWC biex l-Ukrajna jkun jista' jkollha l-kapaċitajiet tekniċi ċivili meħtieġa biex tiżgura rispons effettiv għal inċidenti li jinvolvu aġenti tal-gwerra kimika u sustanzi kimiċi industrijali tossiċi, inkluż it-twettiq ta' evalwazzjoni ta' kampjuni relatati ma' allegazzjonijiet tal-użu ta' sustanzi kimiċi tossiċi misjuba fil-kamp tal-battalja fl-Ukrajna;

c. l-espansjoni tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-OPCW permezz tal-forniment ta' prodotti u servizzi tas-SatCen, b'appoġġ għall-attivitajiet inkarigati lill-OPCW.

4. **ATTIVITAJIET U RIŻULTATI**

a. Sirja:

i. *Attività:* Skjeramenti ta' timijiet tekniċi (għal perjodu ta' xahar kull wieħed) fuq perjodu ta' sentejn biex jassistu lill-awtoritajiet Sirjani:

— fil-produzzjoni ta' inventarju dettaljat ta' armi kimiċi, siti ta' armi kimiċi ([4]), tagħmir, munizzjon u komponenti oħra tal-programm Sirjan tal-armi kimiċi. Huwa stmat li t-timijiet ser ikollhom bżonn iżuru u jivvalutaw aktar minn 100 post madwar is-Sirja biex jiġbru, jittraduċu, jivverifikaw u janalizzaw id-dokumenti, kif ukoll biex jintervistaw lill-persunal rilevanti li kien involut fil-programm tal-armi kimiċi tar-reġim Sirjan preċedenti. It-tim tekniku tal-OPCW ser joħroġ rapporti kif meħtieġ biex jinforma t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-organi tat-tfassil tal-politika tal-OPCW;

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1344 tas-26 ta' Ġunju 2023 b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) (ĠU L 168, 3.7.2023, p. 27).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1984 tal-15 ta' Lulju 2024 b'appoġġ għall-Ippjanar Tranżizzjonali Istituzzjonali għal Missjonijiet Mhux ta' Rutina u Kapaċitajiet Investigattivi tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) (ĠU L, 2024/1984, 16.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1984/oj).

([4]) Iż-żjarat ser isiru fis-siti kollha ddikjarati mis-Sirja, billi l-attivitajiet f'dawn is-siti - bħall-produzzjoni fuq skala sħiħa ta' armi kimiċi - ma ġewx iddikjarati b'mod komplet mill-eks awtoritajiet Sirjani. F'xi każijiet, is-Sirja ddikjarat biss attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, filwaqt li l-evidenza tissuġġerixxi li kien hemm produzzjoni reali. Barra minn hekk, iż-żjarat ser ikopru siti identifikati fid-deċiżjonijiet tal-organi tat-tfassil tal-politika tal-OPCW, bħal ajruporti u faċilitajiet oħra involuti fost l-oħrajn fil-produzzjoni tas-sarin u l-kloru. Barra minn hekk, is-siti kollha mhux iddikjarati suspettati b'involviment fil-programm tal-armi kimiċi tas-Sirja ser jiġu spezzjonati wkoll. L-għan huwa li jiġi ddeterminat x'ġie prodott, meta, b'liema tagħmir, f'liema kwantitajiet, u x'ġara minn dawn l-armi — biex tiġi evitata l-proliferazzjoni tagħhom u jiġi żgurat li l-qerda tagħhom tiġi vverifikata.

— fl-iżvilupp ta' pjanijiet, modalitajiet u inventarju dettaljat għall-qerda vverifikata tal-armi kimiċi li fadal tas-Sirja, inkluż l-identifikazzjoni ta' tagħmir u faċilitajiet relatati;

— fid-determinazzjoni tal-użu ta' sustanzi kimiċi tossiċi bħala armi u l-identifikazzjoni tal-awturi. It-tim tekniku tal-OPCW ser joħroġ rapporti biex jipprovdi informazzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet u azzjoni mill-organi tat-tfassil tal-politika tal-OPCW, l-awtoritajiet Sirjani, u atturi internazzjonali oħra (bħall-Mekkaniżmu Internazzjonali, Imparzjali u Indipendenti — MIII).

Riżultati:

— Dikjarazzjoni sħiħa u kompleta tal-programm Sirjan tal-armi kimiċi skont l-obbligu li l-awtoritajiet proviżorji Sirjani wirtu taħt is-CWC;

— Pjanijiet għall-qerda ta' armi kimiċi li jistgħu jiġu eżegwiti biex jiġu kkunsidrati b'mod formali mill-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW;

— L-istabbiliment ta' bażijiet b'evidenza tal-użu ta' armi kimiċi fis-Sirja biex il-vittmi jirċievu ġustizzja u l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli.

Noti: L-istabbiliment tal-faċilitajiet operattivi meħtieġa (faċilitajiet tal-uffiċċji siguri, spazju ta' ħżin, tagħmir ta' komunikazzjoni) biex jappoġġaw skjeramenti estiżi sikuri, siguri u effettivi minn timijiet tekniċi tal-OPCW kif ukoll persunal ta' appoġġ involut fil-kisba tar-riżultati relatati mas-Sirja ta' dan il-proġett, ser ikunu meħtieġa jiżguraw li r-riżultati previsti jinkisbu fil-ħin u b'mod kosteffettiv.

Il-baġit ser jipprovdi għadd massimu ta' jiem ta' esperti, kumpens għas-sussistenza ta' kuljum u għall-kostijiet tat-trasport li għandhom jiġu allokati għal dawn l-attivitajiet ta' skjerament. Porzjon tal-baġit ser ikopri wkoll kwalunkwe servizz u tagħmir meħtieġa biex jitwettqu dawn l-attivitajiet, inkluż il-kostijiet rilevanti tal-uffiċċji tal-proġett.

b. Ukrajna:

i. *Attività 1:* Il-forniment ta' taħriġ tekniku mfassal apposta u tagħmir protettiv u analitiku relatat fl-Ukrajna u barra mill-Ukrajna f'faċilitajiet speċjalizzati (bħaċ-Ċentru tal-OPCW għall-Kimika u t-Teknoloġija) għall-persuni tal-ewwel rispons, l-investigaturi, u esperti rilevanti oħra Ukreni fl-oqsma tar-rispons għal inċidenti, il-ġbir ta' evidenza, u l-analiżi:

— Taħriġ: huma ppjanati erba' sessjonijiet ta' taħriġ għal 20 parteċipant Ukren matul il-perjodu tal-Azzjoni tal-UE. It-taħriġ ser ikopri l-għarfien espert fl-Armi Kimiċi u l-kxif, il-protezzjoni, id-dekontaminazzjoni, il-kampjunar u l-analiżi tal-aġenti kimiċi.

— Tipi ta' Tagħmir: it-tagħmir li jikkomplementa t-taħriġ ser jiġi pprovdut, bħal "FirstDefender" u materjali/apparati ta' detezzjoni ta' armi kimiċi relatati, ilbies protettiv, maskri protettivi, kits għall-ittestjar tal-qies tal-maskri, kits ta' dekontaminazzjoni, kits ta' kampjunar u ta' analiżi, kits awżiljarji ta' għodod tax-xogħol fuq il-post (eż. GPS).

Riżultat: Il-persuni tal-ewwel rispons, l-investigaturi, u l-esperti rilevanti Ukreni jistgħu, permezz ta' għarfien espert u tħejjija mtejba, jittrattaw b'mod aktar effettiv każijiet u allegazzjonijiet ta' użu ta' sustanzi kimiċi tossiċi, jipprevjenu t-telf ta' ħajjiet u ta' korriment u jippromwovu t-trasparenza u r-responsabbiltà.

ii. *Attività 2:* It-twettiq ta' żjarat ta' assistenza teknika (TAV) jekk u meta jkunu mitluba mill-Ukrajna biex tirċievi u tanalizza kampjuni, permezz tan-network indipendenti u ċċertifikat fil-livell internazzjonali tal-Laboratorji Nominati tal-OPCW, miġbura minn investigaturi Ukreni u relatati ma' allegazzjonijiet ta' użu ta' sustanzi kimiċi tossiċi bħala armi, inkluż fir-rigward ta' allegazzjonijiet ta' użu ta' Aġenti għall-Kontroll tal-Irvellijiet fuq l-ewwel linja.

Riżultati: Il-forniment ta' rapporti lill-awtoritajiet Ukreni biex l-Ukrajna tiddeċiedi ulterjorment dwar kif dawn ir-rapporti għandhom jintużaw fl-investigazzjonijiet nazzjonali tagħha dwar l-użu ta' sustanzi kimiċi tossiċi bħala armi, inkluż it-twettiq ta' evalwazzjoni ta' kampjuni relatati ma' allegazzjonijiet ta' użu ta' sustanzi kimiċi tossiċi misjuba fil-kamp tal-battalja fl-Ukrajna, kif ukoll għall-komunità internazzjonali, b'appoġġ għall-protezzjoni tas-CWC u l-isforzi tal-irfigħ tar-responsabbiltà.

c. SatCen ([5]):

i. *Attività:* Il-forniment ta' prodotti u servizzi tas-SatCen ([6]) biex jiġi appoġġat l-ippjanar operazzjonali sikur u effettiv ta' timijiet tekniċi tal-OPCW li jkunu qed iħejju għal skjeramenti għal kwalunkwe operazzjoni ta' kontinġenza, biex jitwettqu investigazzjonijiet, taħriġ jew attivitajiet oħra skont il-mandat taħt il-Konvenzjoni mill-organi tat-tfassil tal-politika tal-OPCW jew mitluba mill-Istati Parti.

Riżultat: L-iskjeramenti tat-tim tekniku tal-OPCW jitwettqu b'effiċjenza, sikurezza u sigurtà massimi; u l-prodotti u s-servizzi jipprovdu indikazzjonijiet utli għas-sostanzjar ta' evidenza tas-sejbiet irrapportati mit-timijiet tekniċi tal-OPCW.

5. **BENEFIĊJARJI FINALI**

a. L-Istati Parti tas-CWC;

b. L-uffiċjali tal-gvern u esperti fis-Sirja u l-Ukrajna;

c. Il-vittmi tal-użu ta' armi kimiċi fis-Sirja u l-Ukrajna;

d. Il-persunal tal-OPCW skjerat fuq missjonijiet ta' kontinġenza.

6. **TUL TA' ŻMIEN**

It-tul ta' żmien totali stmat tal-azzjoni huwa 24 xahar.

([5]) L-implimentazzjoni tal-attivitajiet tas-SatCen taħt dan il-proġett il-ġdid għandha tibda mill-jum ta' wara l-iskadenza tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2073 tal-25 ta' Novembru 2021.

([6]) L-implimentazzjoni tal-attivitajiet tas-SatCen ser tkun f'konformità sħiħa mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/401/PESK tas-26 ta' Ġunju 2014 dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea u ser issir skont l-Artikolu 2.2(iii). Dan ser ikun mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-KPS u tar-RGħ, kif stabbilit fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni.